



Il-Kummissjoni
Ewropea

Gwida mhux vinkolanti
għal prattika tajba
għall-implimentazzjoni
tad-Direttiva 2013/35/UE

Kampi Elettromanjetiċi

Gwida għall-SMEs

Il-pubblikazzjoni preżenti kien appoġġjat finanzjarjament mill-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali "EaSI" (2014–2020).

Għal aktar tagħrif ara: <http://ec.europa.eu/social/easi>

Gwida mhux vinkolanti
għal prattika tajba
għall-implimentazzjoni
tad-Direttiva 2013/35/UE

Kampi Elettromanjetiċi

Gwida għall-SMEs

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi,
l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni
L-Unità B3

Il-manuskritt tlesta f'Novembru 2014

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas xi persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jkun sar mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Il-links f'din il-pubblikazzjoni kienu korretti fiż-żmien meta tlesta dan il-manuskritt.

© Ritratt tal-qoxra: corbis

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li ma jaqgħux taħt id-dritt tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jinkiseb permess direttament mingħand id-detentur(i) tad-dritt tal-awtur.

**Europe Direct huwa servizz biex jgħinek issib it-tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

**Numru telefoniku bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(* L-informazzjoni mogħtija hija mingħajr ħlas, l-istess bħall-biċċa l-kbira tat-telefonati (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jaf jitolbuk ħlas).

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015.

ISBN 978-92-79-45997-9

doi:10.2767/160946

© L-Unjoni Ewropea, l-2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

WERREJ

1. Introduzzjoni u fini ta' din il-gwida.....	5
1.1. Kif Tuża Din il-Gwida.....	5
1.2. Introduzzjoni għad-Direttiva EMF.....	6
1.3. Il-Kamp ta' Applikazzjoni ta' Din il-Gwida.....	7
1.4. Regolamenti Nazzjonali u Sorsi ta' Informazzjoni Ulterjuri.....	7
2. Effetti fuq is-saħħa u r-riskji għas-sigurtà minn kampi elettromanjetiċi.....	8
2.1. Effetti Diretti.....	8
2.2. L-Effetti fi Żmien Twil.....	9
2.3. Effetti Indiretti.....	9
3. Sorsi ta' kampi elettromanjetiċi.....	10
3.1. Ħaddiema f'Riskju Partikolari.....	11
3.1.1. Ħaddiema li għandhom apparati mediċi impjantati attivi (AIMD).....	12
3.1.2. Ħaddiema oħrajn f'riskju partikolari.....	12
3.2. Rekwiżiti ta' Valutazzjoni għal Attivitajiet ta' Xogħol Komuni, Tagħmir u Postijiet tax-Xogħol.....	13
3.2.1. Attivitajiet ta' xogħol, Tagħmir u Postijiet tax-Xogħol li x'Aktarx ikunu Jeħtieġu Valutazzjoni Speċifika.....	18
3.3. Attivitajiet ta' xogħol, Tagħmir u Postijiet tax-Xogħol Mhux Elenkati f'dan il-Kapitolu.....	18

1. INTRODUZZJONI U FINI TA' DIN IL-GWIDA

Il-preżenza ta' kampi elettromanjetiċi (EMF) koperti mid-Direttiva EMF (Direttiva 2013/35/UE) hija fatt tal-ħajja fid-dinja żviluppata minħabba li dawn jiġu ġġenerati kull meta jintuża l-elettriku. Għall-biċċa l-kbira tal-ħaddiema, il-kampi elettromanjetiċi huma f'livell li ma jikkawża ebda effett avvers. Madankollu, f'xi postijiet tax-xogħol, il-qawwiet tal-kampi jistgħu joħolqu riskju u d-Direttiva EMF qiegħda hemm biex tiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'dawn is-sitwazzjonijiet. Waħda mid-diffikultajiet ewlenin li jiffaċċjaw l-impjegati hija kif jagħrfu jekk iridux jieħdu xi azzjoni speċifika oħra, jew le.

1.1. Kif Tuża Din il-Gwida

Din il-gwida hija prinċipalment immirata lejn l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju. Madankollu, jaf tkun utli għall-ħaddiema, għar-rappreżentanti tal-ħaddiema u għall-awtoritajiet regolatorji fl-Istati Membri.

Ser tgħinek fit-tweqqi ta' valutazzjoni inizjali tar-riskji mill-EMF fuq il-post tax-xogħol tiegħek. Abbażi tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni, ser tgħinek tiddeċiedi jekk għandekx bżonn tiegħu xi azzjoni oħra bħala riżultat tad-Direttiva EMF.

Din il-gwida hija maħsuba biex tgħinek tifhem kif ix-xogħol li twettaq jista' jkun affettwat mid-Direttiva EMF. Din il-gwida mhijiex legalment vinkolanti u ma tipprovdi interpretazzjoni tar-rekwiżiti legali speċifiċi li jista' jkollok tikkonforma magħhom. Għalhekk għandha tinqara flimkien mad-Direttiva EMF, id-Direttiva Qafas (89/391/KEE) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

Id-Direttiva EMF tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' sigurtà rigward l-esponiment tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżulta mill-kampi elettromanjetiċi. Madankollu, ftit impjegaturi ser ikollhom bżonn jikkalkolaw jew ikejlu l-livelli ta' EMF fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, in-natura tax-xogħol imwettaq tkun tali li ser jitnaqqsu r-riskji u dan jista' jiġi stabbilit pjuttost faċilment.

Din il-gwida hija maħsuba b'tali mod biex l-impjegaturi li huma diġà konformi jkunu jistgħu jstabbilixxu dan malajr.

Informazzjoni aktar iddettaljata, inkluż dwar il-valutazzjoni tal-esponiment u miżuri preventivi, tista' tinstab fil-**gwida komprensiva mhux vinkolanti għal prattika tajba għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/35/UE**.

Tabella 1.1. Proċedura għall-valutazzjoni tar-riskji minn kampi elettromanjetiċi

Jekk ir-riskji kollha mill-kampi elettromanjetiċi fuq il-post tax-xogħol ikunu baxxi, allura ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni oħra.

L-impjegaturi għandhom jirreġistraw li eżaminaw il-post tax-xogħol tagħhom u li waslu għal din il-konklużjoni.

Jekk ir-riskji mill-kampi elettromanjetiċi ma jkunux baxxi, jew ir-riskju ma jkunx magħruf, l-impjegaturi għandhom isegwu proċess biex jivvalutaw ir-riskju u jimplimentaw prekawzjonijiet xierqa, jekk ikun meħtieġ.

Huwa possibbli li l-konklużjoni tkun li m'hemm ebda riskju sinifikanti. F'dan il-każ, għandu jinżamm rendikont tal-valutazzjoni u l-proċess jieqaf hawn.

Biex jassistu fil-valutazzjoni tar-riskju, ġeneralment u speċifikament biex tiġi vvalutata l-konformità mal-livelli ta' azzjoni jew mal-valuri limitu ta' esponiment, l-impjegaturi jaf ikollhom bżonn informazzjoni dwar il-livell ta' EMF. Din jaf tkun disponibbli minn bażijiet tad-dejta jew minn manifatturi jew jaf tkun meħtieġa biex jitwettqu kalkoli jew kejl.

Jaf ikunu jridu jittieħdu miżuri preventivi u protettivi fejn ikun hemm bżonn li jitnaqqas ir-riskju.

1.2. Introduzzjoni għad-Direttiva EMF

L-impjegaturi kollha għandhom id-dmir li jivvalutaw ir-riskji li jirriżultaw mix-xogħol li jwettqu u li jdaħħlu fis-seħħ miżuri protettivi jew preventivi biex inaqqsu r-riskji li jidentifikaw. Dawn id-dmirijiet huma rekwiżit tad-Direttiva Qafas. Id-Direttiva EMF ġiet introdotta biex tgħin lill-impjegaturi jikkonformaw mad-dmirijiet ġenerali tagħhom skont id-Direttiva Qafas għall-każ speċifiku tal-EMF fuq il-post tax-xogħol. Peress li l-impjegaturi ser ikunu diġà konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas, il-biċċa l-kbira ser isibu li diġà jikkonformaw bis-sħiħ mad-Direttiva EMF u ma jridu jagħmlu xejn aktar.

Il-kampi elettromanjetiċi huma prodotti minn firxa wiesgħa ta' sorsi li l-ħaddiema jistgħu jiltaqgħu magħhom fuq il-post tax-xogħol. Dawn huma ġġenerati u użati f'diversi attivitajiet ta' xogħol, inkluż il-proċessi ta' manifattura, ir-riċerka, il-komunikazzjoni, l-applikazzjonijiet mediċi, il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, ix-xandir, in-navigazzjoni ajrunawtika u marittima, u s-sigurtà. Il-kampi elettromanjetiċi jistgħu jkunu aċċidentali, bħall-kampi li jiġu ġġenerati ħdejn kejbils li jiddistribwixxu l-enerġija elettrika ġewwa l-bini, jew li jirriżultaw mill-użu ta' tagħmir u apparati mħaddmin bl-elettriku. Peress li l-biċċa l-kbira tal-kampi jiġu ġġenerati mill-elettriku, dawn jisparixxu meta jintefa d-dawl.

Id-Direttiva EMF tindirizza effetti diretti u indiretti stabbiliti kkawżati minn kampi elettromanjetiċi; ma tkoprix l-effetti fit-tul possibbli fuq is-saħħa. L-effetti diretti huma separati f'effetti mhux termali, bħal stimolazzjoni tan-nervi, il-muskoli u l-organi sensorji, u f'effetti termali, bħat-tisħin tat-tessuti. L-effetti indiretti jseħħu meta l-preżenza ta' oġġett fi ħdan kamp elettromanjetiku tista' ssir il-kawża ta' periklu għas-saħħa jew is-sigurtà.

1.3. Il-Kamp ta' Applikazzjoni ta' Din il-Gwida

Din il-gwida hija maħsuba biex tipprovdi pariri prattiċi biex tgħin lill-SMEs jikkonformaw mad-Direttiva EMF. Għalkemm id-Direttiva EMF ma teskludix specifkament kwalunkwe tip partikolari ta' xogħol jew teknoloġiji, il-kampi f'diversi postijiet tax-xogħol ser ikunu tant dgħajfa li m'hemm ebda riskju. Din il-gwida tipprovdi lista tal-attivitajiet ta' xogħol, tagħmir u postijiet tax-xogħol ġeneriċi fejn il-kampi huma mistennija li jkunu tant dgħajfa li l-impjegaturi ma jkollhomx bżonn jieħdu azzjoni oħra.

Id-Direttiva EMF teħtieġ li l-impjegaturi jikkunsidraw lill-ħaddiema li huma probabbli li jkunu f'riskju partikolari, inkluż ħaddiema li jilbsu apparat mediku impjantat attiv jew passiv, bħal pacemakers kardijaċi, ħaddiema b'apparat mediku fuq ġisimhom, bħal pompi tal-insulina, u ħaddiema nisa tqal. Din il-gwida tipprovdi pariri f'dawn is-sitwazzjonijiet.

Jista' jkun hemm xenarji ta' esponiment li jkunu speċifiċi jew kumplessi ħafna u għalhekk imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida. X'industriji b'xenarji ta' esponiment partikolari jistgħu jiżviluppaw il-gwida tagħhom stess fir-rigward tad-Direttiva EMF u din għandha tiġi kkonsultata meta jkun xieraq. L-impjegaturi b'xenarji ta' esponiment kumplessi għandhom ifittxu parir ieħor dwar il-valutazzjoni (għal dettalji ara l-Kapitolu 8 u l-Appendiċi I tal-gwida komprensiva mhux vinkolanti għal prattika tajba għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/35/UE).

1.4. Regolamenti Nazzjonali u Sorsi ta' Informazzjoni Ulterjuri

L-użu ta' din il-gwida mhux bilfors jiżgura konformità mar-rekwiżiti statutorji ta' protezzjoni tal-kampi elettromanjetiċi fid-diversi Stati Membri tal-UE. L-istat tad-dritt li permezz tiegħu l-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva 2013/35/UE dejjem jjeħu preċedenza. Dan imur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva EMF, li hija bbażata fuqhom din il-gwida. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

Bħala għajjnuna oħra għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva EMF, il-manifatturi jistgħu jiddisinjaw il-prodotti tagħhom biex inaqqsu l-EMF aċċessibbli. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll informazzjoni dwar il-kampi u r-riskji assoċjati mat-tagħmir meta jintuża b'mod normali.

2. EFFETTI FUQ IS-SAĦĦA U R-RISKJI GĦAS-SIGURTÀ MINN KAMPI ELETTROMANJETIĊI

F'xi sitwazzjonijiet, it-tip ta' effett li l-kampi elettromanjetiċi għandhom fuq il-persuni jiddependi primarjament fuq il-frekwenza u l-intensità: fatturi oħrajn bħall-forma tal-mewġa jistgħu jkunu wkoll importanti. Xi kampi jikkawżaw stimulazzjoni tal-organi sensorji, in-nervituri u l-muskoli, filwaqt li oħrajn jikkawżaw tišhin. Id-Direttiva EMF issejjaħ l-effetti kkawżati mit-tišhin *effetti termali*, filwaqt li l-effetti l-oħrajn kollha ssejjaħom *effetti mhux termali*.

Fuq kollox, dawn l-effetti kollha juru livell limitu li taħtu ma jkun hemm ebda riskju, u l-esponimenti taħt il-livell limitu bl-ebda mod mhuma kumulattivi. L-effetti kkawżati mill-esponiment huma temporanji peress li huma limitati għal kemm idum l-esponiment, u jieqfu jew jonqsu ladarba jieqaf l-esponiment. Dan ifisser li ma jista' jkun hemm l-ebda riskju ulterjuri għas-saħħa ladarba jintemm l-esponiment.

2.1. Effetti Diretti


Effetti diretti huma bidliet li jsejnhu f'persuna bħala riżultat tal-esponiment għal kamp elettromanjetiku. Id-Direttiva EMF tikkunsidra biss l-effetti mifhuma sew li huma bbażati fuq mekkaniżmi magħrufin. Tagħmel distinzjoni bejn l-effetti sensorji u l-effetti fuq is-saħħa, li huma kkunsidrati bħala aktar serji.

L-effetti diretti huma:

- vertigo u dardir ipprovokati minn kampi manjetiċi statiċi (normalment assoċjati ma' moviment, iżda jistgħu jsejnhu wkoll meta wieħed ikun wieqaf);
- l-effetti fuq l-organi sensorji, in-nervituri u l-muskoli pprovokati minn kampi ta' frekwenza baxxa (sa 100 kHz);
- it-tišhin tal-ġisem kollu jew partijiet minnu pprovokat minn kampi bi frekwenza għolja (10 MHz u oġhla); oġhla minn ftit GHz, it-tišhin isir dejjem aktar limitat għall-wiċċ tal-ġisem;
- l-effetti fuq in-nervituri, il-muskoli u t-tišhin ipprovokati minn frekwenzi intermedji (100 kHz — 10 MHz).

Dawn il-kunċetti huma murija fil-Figura 2.1.

Figura 2.1. L-effett ta' EMF f' meded ta' frekwenza differenti (l-intervalli ta' frekwenza mhumiex skont l-iskala)



2.2. L-Effetti fi Żmien Twil

Id-Direttiva EMF ma tindirizzax l-effetti probabbli fuq perjodu ta' żmien twil ta' esponiment għal kampi elettromanjetiċi peress li bħalissa m'hemm l-ebda evidenza xjentifika stabbilita sew ta' relazzjoni kawżali. Madankollu, jekk toħroġ evidenza xjentifika ċara ta' dan it-tip, il-Kummissjoni Ewropea ser tikkunsidra l-mezzi l-aktar xierqa għall-indirizzar ta' effetti bħal dawn.

2.3. Effetti Indiretti

Effetti mhux mixtieqa jistgħu jsejnhu minħabba l-preżenza ta' oġġetti fil-kamp li jirriżultaw f'periklu għas-sigurtà jew is-saħħa. Il-kuntatt ma' kondutturi b'kurrent dirett ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva EMF.

L-effetti indiretti huma:

- l-interferenza b'taġħmir elettroniku mediku u apparat ieħor;
- l-interferenza ma' apparat jew taġħmir mediku impjantat attiv, bħal pacemakers kardijaċi jew defibrillaturi;
- l-interferenza ma' apparat mediku li jintlibes fuq il-ġisem, bħal pompi tal-insulina;
- l-interferenza ma' impjanti passivi (ġogi artifiċjali, pinnijiet, wajers jew pjanċi tal-metall);
- l-effetti fuq shrapnel, piercings tal-ġisem, tatwaġġi u arti tal-ġisem;
- ir-riskju ta' proġettili minn oġġetti ferromanjetiċi f'kampjiet manjetiċi statiċi;
- l-azzjonar mhux intenzjonat ta' detonaturi;
- nirien jew splużjonijiet minn tqabbid ta' materjal li jaqbad jew splussiv;
- xokkijiet elettriċi jew ħruq minn kurrenti b'kuntatt meta persuna tmiss oġġett konduttiv f'kamp elettromanjetiku u wieħed minnhom ikun ertajt filwaqt li l-ieħor ma jkunx.



Messaġġ ewlieni: effetti tal-EMF

EMF fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkawżaw effetti diretti jew indiretti. L-effetti diretti huma dawk li jirriżultaw minn interazzjoni tal-kampi mal-ġisem u jistgħu jkunu mhux termali jew termali fl-għamla taġħhom. L-effetti indiretti jirriżultaw mill-preżenza ta' oġġett fil-kamp, li jirriżulta f'periklu għas-saħħa u s-sigurtà.

3. SORSI TA' KAMPI ELETTROMANJETIĊI

Kulħadd fis-soċjetà moderna tagħna huwa espost għal kampi elettriċi u manjetiċi minn ħafna sorsi inkluż it-tagħmir elettriku, it-trażmissjonijiet tax-xandir u l-apparati tal-komunikazzjoni (Figura 3.1). Il-maġġoranza tas-sorsi ta' kampi elettromanjetiċi li jinstabu kemm id-dar kif ukoll fuq il-post tax-xogħol jipproduċu livelli estremament baxxi ta' esponiment u attivitajiet ta' xogħol l-aktar komuni b'ħal dawn x'aktarx li jirriżultaw f' esponimenti li jaqzbu l-livelli ta' aċċess (ALs) jew il-valuri ta' limitu (ELV) stabbiliti bid-Direttiva EMF.


Figura 3.1 Rappreżentazzjoni skematika tal-ispettru elettromanjetiku li juri xi sorsi tipiċi



L-għan ta' din il-gwida huwa li tipprovdi lill-impjegaturi b'informazzjoni dwar is-sorsi ta' EMF li jinsabu fl-ambjent tax-xogħol biex jiġu megħjuna jiddeċiedu jekk hijiex meħtieġa valutazzjoni oħra tar-riskju mill-EMF. Il-firxa u l-kobor tal-kampi elettromanjetiċi prodotti jiddependu fuq il-vultaġġ, il-kurrenti u l-frekwenzi li jopera jew jiġġenera fihom it-tagħmir, flimkien mad-disinn tat-tagħmir. Xi tagħmir jaf ikun iddisinjat biex jiġġenera b'mod intenzjonali kampi elettromanjetiċi esterni. F'dan il-każ, tagħmir żgħir b'qawwa baxxa jista' jirriżulta f'kampj elettromanjetiċi esterni sinifikanti. Ġeneralment, it-tagħmir li juża kurrenti għoljin, vultaġġi għoljin jew li huwa ddisinjat biex jemetti radjazzjoni elettromanjetika jkollu b'żonn valutazzjoni ulterjuri.

Id-daqs ta' kamp elettromanjetiku jonqos malajr skont id-distanza mis-sors tiegħu (Figura 3.2). L-esponiment tal-ħaddiema jista' jitnaqqas jekk ikun possibbli li jiġi limitat l-aċċess għal żoni qrib it-tagħmir meta dan ikun qed jitħaddem. Wieħed għandu jiftakar ukoll li l-kampi elettromanjetiċi, sakemm ma jiġux iġġenerati minn kalamita permanenti jew kalamita superkonduttur, normalment jisparixxu meta l-elettriku jitneħħa mit-tagħmir.

Figura 3.2. Tnaqqis fid-densità tal-fluss manjetiku skont id-distanza għal varjetà ta' sorsi ta' frekwenza tal-potenza: spot welder (●●); 0.5 m kojl demagnetizzatur (●●); 180 kW forn ta' induzzjoni (●●); 100 kVA seam welder (●●); 1 m demagnetizzazzjoni (●●)



Is-sezzjonijiet li ġejjin ta' din il-gwida għandhom l-għan li jgħinu lill-impjegaturi jagħmlu distinzjoni bejn, it-tagħmir, l-attivitajiet u s-sitwazzjonijiet li mhumiex probabbli li joħolqu riskju u dawk fejn jaf ikun hemm bżonn ta' miżuri protettivi jew preventivi meħtieġa biex jiproteġu l-impjegati.

3.1. Ħaddiema f'Riskju Partikolari

Xi gruppi ta' ħaddiema (ara t-Tabella 3.1) huma kkunsidrati bħala f'riskju partikolari mill-kampi elettromanjetiċi. Dawn il-ħaddiema jaf ma jkunux protetti b'mod adegwat mill-ALs speċifikati fid-Direttiva EMF u għalhekk ikun meħtieġ li l-impjegaturi jikkunsidraw l-esponiment tagħhom b'mod separat minn dak ta' ħaddiema oħrajn.

Il-ħaddiema f'riskju partikolari normalment ikunu protetti b'mod adegwat b'konformità mal-livelli ta' referenza speċifikati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE. Madankollu, għal minorità żgħira ħafna, anki dawn il-livelli ta' referenza jaf ma jipprovdux protezzjoni adegwata. Dawn l-individwi jkunu rċevew parir xieraq mit-tabib responsabbli għall-kura tagħhom, u dan għandu jassisti lill-impjegatur biex jistabbilixxi jekk l-individwu huwiex f'riskju fuq il-post tax-xogħol.

Tabella 3.1. Ħaddiema f'riskju partikolari kif identifikat fid-Direttiva EMF

Ħaddiema f'riskju partikolari	Eżempji
Il-ħaddiema li għandhom apparati mediċi impjantati attivi (AIMD)	Pacemakers kardijaċi, defibrillaturi kardijaċi, impjanti cochlear, impjanti brainstem, proteżi tal-widna ta' ġewwa, newrostimulaturi, encoders tar-retina, pompi impjantati għall-infużjoni tal-mediċina
Il-ħaddiema li jilbsu apparati mediċi impjantati passivi li fihom il-metall	Ġogi artifiċjali, pinnijiet, pjanċi, viti, klipps kirurġiċi, klipps tal-aneurizmu, stents, proteżi tal-valv tal-qalb, ċrieki tal-annuloplastija, impjanti kontraċettivi metalliċi, u każijiet ta' AIMD
Il-ħaddiema li jilbsu apparati mediċi li jintlibsu fuq il-ġisem	Pompi esterni għall-infużjoni tal-ormoni
Il-ħaddiema nisa tqal	

NB: meta jitqies jekk il-ħaddiema jstgħux jkunu f'riskju partikolari, l-impjegaturi għandhom iqisu l-frekwenza, il-livell u d-durata tal-esponiment

3.1.1. **Ħaddiema li għandhom apparati mediċi impjantati attivi (AIMD)**

Grupp ta' ħaddiema f'riskju partikolari huma dawk li għandhom apparat mediku impjantat attiv (AIMD). Dan peress li kampi elettromanjetiċi qawwijin jistgħu jinterferixxu mat-tħaddim normali ta' dawn l-impjanti attivi. Hemm rekwiżit legali għall-manifatturi tal-apparati biex jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom immunità raġonevoli għall-interferenza u jiġu ttestjati regolarment għall-qawwiet tal-kampi li wieħed jista' jiltaqa' magħhom fl-ambjent pubbliku. Bħala riżultat il-qawwiet tal-kamp sal-livelli ta' referenza speċifikati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE ma għandhomx jaffettwaw ħażin it-tħaddim ta' dawn l-apparati. Madankollu, il-qawwiet tal-kampi oġġla mil-livelli ta' referenza *fil-pożizzjoni tal-apparat jew il-kejbs ta' rilevament* (meta jkunu preżenti) jistgħu jirriżultaw fi ħsara, li toħloq riskju għal dawk li jilbsuhom.

Għalkemm xi wħud mis-sitwazzjonijiet tax-xogħol diskussi f'din il-gwida jistgħu jirriżultaw f'kamp qawwijin, f'ħafna każijiet dawn ikunu lokalizzati ħafna. Għaldaqstant, ir-riskju jista' jiġi ġestit billi jiġi żgurat li ma jiġix iġġenerat kamp qawwi fil-viċinanza immedjata tal-impjant. Pereżempju, il-kamp prodott minn mowbajl jista' jinterferixxi ma' pacemaker kardijaku jekk dan jinżamm viċin l-apparat. Madankollu, in-nies li jilbsu pacemakers kardijaċi xorta jistgħu jużaw il-mowbajls mingħajr ma jkunu f'riskju. Dawn għandhom sempliċement joqogħdu attenti li jżommu l-mowbajl 'il bogħod minn sidirhom.

Kolonna 3 tat-Tabella 3.2 tidentifika dawk is-sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa valutazzjoni speċifika għal ħaddiema li jilbsu impjanti attivi minħabba l-possibbiltà li jistgħu jiġu iġġenerati kampi qawwijin fil-viċinanza immedjata tal-apparat jew tal-kejbs ta' rilevament (meta jkunu preżenti). Ħafna drabi l-eżitu ta' din il-valutazzjoni jkun li l-ħaddiem għandu sempliċement isegwi l-istruzzjonijiet li jingħatawlu mit-tim mediku meta jitwaħħal l-impjant.

Meta l-ħaddiema jew persuni oħra li jkollhom imwaħħlin impjanti attivi jkollhom aċċess għall-post tax-xogħol, l-impjegatur għandu jqis jekk tkunx meħtieġa valutazzjoni aktar iddettaljata. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnotat li għal numru ta' sitwazzjonijiet ta' xogħol elenkati fit-Tabella 3.2, issir distinzjoni bejn il-persuna li tkun qed twettaq attivitá personalment u l-attivitá li tkun qiegħda sseħħ fuq il-post tax-xogħol. Is-sitwazzjoni tal-aħħar hija improbabli li tirriżulta f'kamp qawwi fil-viċinanza immedjata tal-impjant u allura normalment ma jkunx hemm bżonn ta' valutazzjoni.

Xi ftit sitwazzjonijiet (bħal tidwib bl-induzzjoni) jiġġeneraw kampi qawwijin ħafna. F'dawn il-każijiet, iż-żona li fiha l-livelli ta' referenza fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE jistgħu jinqabżu ġeneralment tkun ferm akbar. Għaldaqstant, il-valutazzjoni x'aktarx li tkun aktar kumplessa u jaf ikun hemm rekwiżit li jiġu implimentati restrizzjonijiet fl-aċċess.

3.1.2. **Ħaddiema oħrajn f'riskju partikolari**

Għal gruppi oħrajn ta' ħaddiema f'riskju partikolari (ara t-Tabella 3.1), kampi qawwijin lokalizzati ħafna normalment ma joħolqux riskju. Minflok, dawn il-ħaddiema ser ikunu f'riskju meta l-attivitajiet ta' xogħol x'aktarx jiġġeneraw kampi li jaqbu l-livelli ta' referenza fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE f'żoni li jkunu ġeneralment aktar aċċessibbli. Is-sitwazzjonijiet komuni fejn dan huwa probabbli huma identifikati fil-Kolonna 2 tat-Tabella 3.2 u jkunu jeħtieġu valutazzjonijiet speċifiċi.



Messaġġ ewlieni: ħaddiema f'riskju partikolari

Il-ħaddiema b'impjanti attivi jaf ikunu f'riskju minn kampi qawwijin fuq il-post tax-xogħol. Dawn il-kampi ħafna drabi jkunu lokalizzati ħafna u r-riskji normalment jistgħu jiġu ġestiti b'mod adegwat billi jiġu segwiti xi ftit prekawzjonijiet sempliċi abbażi ta' pariri mit-tim ta' kura tal-ħaddiema.

Għalkemm kampi qawwijin jistgħu joħolqu riskji partikolari għal gruppi oħrajn ta' ħaddiema (dawk b'impjanti passivi, apparati mediċi li jintlibsu fuq il-ġisem, u ħaddiema nisa tqal), dan huwa probabbli biss f'numru limitat ta' sitwazzjonijiet (ara Tabella 3.2).

3.2. Rekwiżiti ta' Valutazzjoni għal Attivitajiet ta' Xogħol Komuni, Tagħmir u Postijiet tax-Xogħol

It-Tabella 3.2 telenka diversi attivitajiet ta' xogħol, tagħmir u postijiet tax-xogħol komuni, u tipprovdi indikazzjoni ta' jekk huwiex probabbli li jkunu meħtieġa valutazzjonijiet għal:

- ħaddiema b'impjanti attivi;
- ħaddiema oħrajn f'riskju partikolari;
- ħaddiema mhux f'riskju partikolari.

L-entrati f'din it-tabella huma bbażati fuq jekk sitwazzjoni hijiex probabbli li twassal għal qawwiet ta' kampi li jaqbżu l-livelli ta' referenza fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE, u jekk iva, jekk dawk il-kampi humiex probabbli li jkunu lokalizzati ħafna jew le.

It-Tabella 3.2 hija bbażata fuq l-użu ta' tagħmir li jikkonforma mal-istandards riċenti, li jkun inżamm b'mod korrett u li jkun qiegħed jintuża kif maħsub mill-manifattur. Meta x-xogħol jinvolvi l-użu ta' tagħmir miżmum ħażin jew antik ħafna, mhux ta' standard, il-gwida fit-Tabella 3.2 jaf ma tkunx applikabbli.

Meta kull attività f'post tax-xogħol ikollha "Le" fit-tliet kolonni kollha, ma għandux ikun hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni speċifika fir-rigward tad-Direttiva EMF peress li mhuwa mistenni li jkun hemm ebda riskju mill-EMF. Normalment, f'dawn is-sitwazzjonijiet ma jkunux meħtieġa azzjonijiet ulterjuri. Madankollu, jkun hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tar-riskju globali li tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas. L-impjegaturi għandhom jibqgħu attenti għal xi ċirkostanzi li jinbidlu kif meħtieġ mid-Direttiva Qafas u għandhom jeżaminaw il-ħtieġa għal valutazzjoni EMF speċifika fid-dawl ta' kwalunkwe bidla identifikata.

Bl-istess mod, għal postijiet tax-xogħol fejn m'hemm ebda aċċess għal ħaddiema b'impjanti attivi jew ħaddiema oħrajn f'riskju partikolari, sakemm kull attività ilkollha "Le" fil-kolonni rilevanti kollha, ma għandux ikun hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni speċifika fir-rigward tad-Direttiva EMF. Xorta waħda trid issir valutazzjoni tar-riskju ġenerali kif meħtieġ mid-Direttiva Qafas. L-impjegaturi għandhom ukoll jibqgħu attenti għal xi ċirkostanzi li jinbidlu u b'mod partikolari, għall-possibbiltà ta' aċċess għal postijiet mill-ħaddiema f'riskju partikolari.


Messaġġ ewlieni: Valutazzjonijiet EMF

Meta l-post tax-xogħol ikun fih biss sitwazzjonijiet elenkati fit-Tabella 3.2 li għandhom "Le" fil-kolonna rilevanti, normalment ma jkunx hemm bżonn li ssir valutazzjoni EMF speċifika. Valutazzjoni tar-riskju ġenerali li tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas xorta tkun meħtieġa u l-impjegaturi għandhom jibqgħu attenti għal xi ċirkostanzi li jinbidlu.

Tabella 3.2. Rekwiżiti għal valutazzjonijiet EMF speċifiċi fir-rigward ta' attivitajiet ta' xogħol, tagħmir u postijiet tax-xogħol komuni

Tip ta' tagħmir jew post tax-xogħol	Valutazzjoni meħtieġa għal		
	Il-ħaddiema mhux f'riskju partikolari*	Il-ħaddiema f'riskju partikolari (eskluż dawk b'impjanti attivi)**	Il-ħaddiema b'impjanti attivi***
	(1)	(2)	(3)
Komunikazzjoni mingħajr fili			
Telefowns, bla fili (inkluż stazzjonijiet bażi għal telefowns bla fili DECT) — użu ta'	Le	Le	Iva
Telefowns, bla fili (inkluż stazzjonijiet bażi għal telefowns bla fili DECT) — postijiet tax-xogħol li fihom	Le	Le	Le
Telefowns, mowbajls — użu ta'	Le	Le	Iva
Telefowns, mowbajls — postijiet tax-xogħol li fihom	Le	Le	Le
Apparati ta' Komunikazzjoni Bla Fili (eż. Wi-Fi jew Bluetooth) inkluż punti ta' aċċess għal WLAN — użu ta'	Le	Le	Iva
Apparati ta' Komunikazzjoni Bla Fili (eż. Wi-Fi jew Bluetooth) inkluż punti ta' aċċess għal WLAN — post tax-xogħol li fih	Le	Le	Le
Uffiċċju			
Tagħmir awdjoviżiv (eż. televiżjonijiet, DVD plejers)	Le	Le	Le
Tagħmir awdjoviżiv li fih trażmettituri tar-radjufrekwenza	Le	Le	Iva
Tagħmir ta' komunikazzjoni u networks bil-wajers	Le	Le	Le
Kompjuters u tagħmir tal-IT	Le	Le	Le
Ħiters b'fannijiet, elettriċi	Le	Le	Le
Fannijiet, elettriċi	Le	Le	Le
Tagħmir tal-uffiċċju (eż. fotokopjaturi, shredders tal-karti, staplers li jaħdmu bl-elettriku)	Le	Le	Le
Telefowns (linji fissi) u magni tal-faks	Le	Le	Le
Infrastruttura (bini u artijiet)			
Sistemi ta' twissija	Le	Le	Le
Antenni tal-istazzjon bażi, ġewwa żoni ta' esklużjoni magħżulin mill-operaturi	Iva	Iva	Iva

Antenni ta' stazzjonijiet bażi, barra żona ta' esklużjoni magħżula mill-operaturi	Le	Le	Le
Apparati tal-ġonna (imħaddmin bl-elettriku) — użu ta' [...]	Le	Le	Iva
Apparati tal-ġonna (elettriċi) — postijiet tax-xogħol li fihom	Le	Le	Le
Tagħmir ta' tisħin (elettriku) għat-tisħin tal-kamra	Le	Le	Le
Apparati tad-dar u professjonali, eż. refriġeraturi, magni tal-ħasil, magni tat-trixxif, magni tal-ħasil tal-platti, fran, toasters, fran tal-microwave, ħadid tal-mogħdija, sakemm dawn ma jkunx fihom tagħmir għat-trażmissjoni bħal WLAN, Bluetooth jew mowbajls	Le	Le	Le
Tagħmir ta' tidwil, eż. tidwil ta' żona u lampi għad-desks	Le	Le	Le
Tagħmir ta' tidwil, RF jew microwave enerġizzat	Iva	Iva	Iva
Il-postijiet tax-xogħol aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali li jissodisfaw il-livelli ta' referenza speċifikati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE	Le	Le	Le
Sigurtà			
Sistemi ta' sorveljanza tal-oġġetti u RFID (identifikazzjoni tar-radjufrekwenza)	Le	Le	Iva
Sistemi ta' tħassir, għat-Tejps jew Hard Drayvs	Le	Le	Iva
Ditekters tal-metall	Le	Le	Iva
Provvista tal-elettriku			
Ċirkwit elettriku fejn il-kundutturi huma qrib ta' xulxin u għandhom kurrent nett ta' 100 A jew anqas — jinkludi wajers, switchgear, transformers, eċċ — esponiment għall-kampi manjetiċi	Le	Le	Le
Ċirkwit elettriku fejn il-kundutturi huma qrib ta' xulxin u għandhom kurrent nett ta' aktar minn 100 A — jinkludi wajers, switchgear, transformers, eċċ — esponiment għall-kampi manjetiċi	Iva	Iva	Iva
Ċirkwiti elettriċi fi ħdan installazzjoni, bi klassifikazzjoni tal-kurrent tal-faży ta' 100 A jew inqas għaċ-ċirkwiti individwali — inkluż wajers, switchgear, transformers, eċċ — esponiment għall-kampi manjetiċi	Le	Le	Le
Ċirkwiti elettriċi fi ħdan installazzjoni, bi klassifikazzjoni tal-kurrent tal-faży ta' aktar minn 100 A għaċ-ċirkwiti individwali — inkluż wajers, switchgear, transformers, eċċ — esponiment għall-kampi manjetiċi	Iva	Iva	Iva
Installazzjonijiet tal-elettriku bi klassifikazzjoni tal-kurrent tal-faży ta' aktar minn 100 A — inklużi wajers, switchgear, transformers, eċċ — esponiment għall-kampi manjetiċi	Iva	Iva	Iva
Installazzjonijiet tal-elettriku bi klassifikazzjoni tal-kurrent tal-faży ta' 100 A jew inqas — inklużi wajers, switchgear, transformers, eċċ — esponiment għall-kampi manjetiċi	Le	Le	Le
Ġeneraturi u ġeneraturi ta' emerġenza — xogħol fuq	Le	Le	Iva
Inverters, inklużi dawkw fuq sistemi fotovoltajċi	Le	Le	Iva
Konduttur mikxuf fl-għoli ikklassifikat b'vultaġġ sa 100 kV, jew wajer fl-għoli sa 150 kV, 'il fuq mill-post tax-xogħol — esponiment għal kampi elettriċi	Le	Le	Le
Konduttur mikxuf fl-għoli ikklassifikat b'vultaġġ ta' aktar minn 100 kV, jew wajer fl-għoli ta' aktar minn 150 kV ⁽¹⁾ , 'il fuq mill-post tax-xogħol — esponiment għal kampi elettriċi	Iva	Iva	Iva

⁽¹⁾ Għal linji fl-għoli 'il fuq minn 150 kV il-qawwa tal-kamp elettriku ġeneralment, iżda mhux dejjem, tkun aktar baxxa mil-livell ta' referenza speċifikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE.

Kondutturi mikxufin fl-għoli ta' kwalunkwe voltaġġ — esponiment għal kampi manjetiċi	Le	Le	Le
Ċirkwit tal-kejbil taħt l-art jew iżolat, ikklassifikat fi kwalunkwe voltaġġ — esponiment għal kampi elettriċi	Le	Le	Le
Turbini tar-rif, xogħol fuq	Le	Iva	Iva
Industrija ħafifa			
Proċessi ta' wweldjar bl-ark, manwali (inkluż MIG (gass inerti għall-metall), MAG (gass attiv għall-metall) TIG (gass inerti għat-tungstenu)) meta tiġi segwita prattika tajba u ma jiġix appoġġat kejbil fuq il-ġisem	Le	Le	Iva
Ċarġers tal-batteriji, industrijali	Le	Le	Iva
Ċarġers tal-batteriji, professjonali kbar	Le	Le	Iva
Tagħmir ta' kisi u tibjid	Le	Le	Le
Tagħmir ta' kontroll li ma fihx radjutražmetitturi	Le	Le	Le
Tagħmir ta' trattament tal-wiċċ Corona	Le	Le	Iva
Tiżhin dielettriku	Iva	Iva	Iva
Iwweldjar dielettriku	Iva	Iva	Iva
Tagħmir ta' tibjid elettrostatiku	Le	Iva	Iva
Fran, imsaħħna permezz tar-reżistenza	Le	Le	Iva
Guns tal-kolla (portabbli) — postijiet tax-xogħol li fihom	Le	Le	Le
Guns tal-kolla — użu ta'	Le	Le	Iva
Guns tas-sħana (portabbli) — postijiet tax-xogħol li fihom	Le	Le	Le
Guns tas-sħana — użu ta'	Le	Le	Iva
Rampi idrawliċi	Le	Le	Le
Tiżhin bl-induzzjoni	Iva	Iva	Iva
Sistemi ta' tiżhin bl-induzzjoni, awtomizzati, ta' sejbien tal-ħsara u ta' tiżwija li jinvolvu prossimità mill-qrib għas-sors EMF	Le	Iva	Iva
Tagħmir ta' ssiġillar bl-induzzjoni	Le	Le	Iva
Issaldjar bl-induzzjoni	Iva	Iva	Iva
Għodod tal-magni (pereżempju, drills b'pedestall, grinders, tornijiet, magni tat-tħin, srieraq)	Le	Le	Iva
Spezzjoni tal-frac manjetiku (sejbien tal-ixquq)	Iva	Iva	Iva
Magnetizer/demagnetisers, industrijali (inkluż gomom tal-tejp)	Iva	Iva	Iva
Tagħmir ta' kejl u strumentazzjoni li ma fihomx radjutražmetitturi	Le	Le	Le
Tiżhin u tnixxif bil-microwave, fl-industriji tax-xogħol bl-injam (tnixxif tal-injam, iffurmar tal-injam, inkullar tal-injam)	Iva	Iva	Iva
Apparat tal-plażma RF ji jinkludu depożizzjoni u sputtering tal-vakwu	Iva	Iva	Iva
Għodod (elettroniċi li jinżammu fl-idejn u trasportabbli eż. drills, sanders, srieraq ċirkolari, u angle grinders) — użu ta'	Le	Le	Iva
Għodod (elettroniċi li jinżammu fl-idejn u trasportabbli) - postijiet tax-xogħol li fihom	Le	Le	Le
Sistemi tal-iwweldjar, awtomati, li jsibu l-ħsara, tiżwija u tagħlim li jinvolvu prossimità mill-qrib għas-sors EMF	Le	Iva	Iva

Iwweldjar, reżistenza manwali (spot welding, seam welding)	Iva	Iva	Iva
Industrija peżanti			
Elettroliżi, industrijali	Iva	Iva	Iva
Fran, tidwib b'ark	Iva	Iva	Iva
Fran, tidwib bl-induzzjoni (fran iżgħar) li normalment ikollhom kampi aktar aċċessibbli minn fran akbar	Iva	Iva	Iva
Kostruzzjoni			
Tagħmir tal-kostruzzjoni (eż. mikzers tal-konkrit, vibraturi, krejnijiet, eċċ) — xogħol fil-qrib	Le	Le	Iva
Tnixxif bil-microwave, f'industrija tal-kostruzzjoni	Iva	Iva	Iva
Mediku			
Tagħmir mediku li ma jużax EMF għal dijanjożi jew trattament	Le	Le	Le
Tagħmir mediku li juża EMF għal dijanjożi u kura (pereżempju, diġaterma b'mewġa qasira, stimolazzjoni manjetika transkranjali)	Iva	Iva	Iva
Trasport			
Vetturi bil-mutur u impjanti — xogħol fil-qrib prossimità għal starter, alternatur, sistemi ta' tqabbid	Le	Le	Iva
Radar, tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, militari, tat-temp u ta' distanza twila	Iva	Iva	Iva
Ferroviji u trams, li jaħdmu bl-elettriku	Iva	Iva	Iva
Varji			
Ċarġers tal-batteriji, akkoppjar induttiv jew fil-qrib	Le	Le	Iva
Ċarġers tal-batteriji, akkoppjar mhux induttiv iddisinjat għall-użu fid-dar	Le	Le	Le
Sistemi u apparati tax-xandir (radju u TV: LF, MF, HF, VHF, UHF)	Iva	Iva	Iva
Tagħmir li jiġġenera kampi manjetiċi statiċi > 0.5 millitesla, kemm jekk iġġenerati mill-elettriku jew minn kalamiti permanenti (pereżempju, ċokkijiet manjetiċi, tabelli u conveyors, kalamiti tal-irfiġħ, brazzi manjetiċi, pjanċi tal-ismijiet, beġis)	Le	Le	Iva
Tagħmir li jitqiegħed fis-suq Ewropew kif konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE jew standards EMF armonizzati	Le	Le	Le
Kuffji li jipproduċu kampi manjetiċi qawwijin	Le	Le	Iva
Tagħmir ta' tisjir induttiv, professjonali	Le	Le	Iva
Tagħmir mhux elettriku tat-tipi kollha flief dawk li fihom kalamiti permanenti	Le	Le	Iva
Tagħmir portabbli (li jaħdem bil-batteriji) li ma fihx trażmettitori tar-radju frekwenza	Le	Le	Le
Radji, bidirezzjonali (pereżempju walkie-talkies, radji tal-karozzi)	Le	Le	Iva
Trażmettitori, imħaddmin bil-batteriji	Le	Le	Iva

NB: * Valutazzjoni meħtieġa fil-konfront tal-ALs jew l-ELVs applikabbli.

** Ivaluta fil-konfront tal-livelli ta' referenza tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

*** L-esponent personali lokalizzati jista' jaqbeż il-livell ta' referenza fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill — dan għandu jitqies fil-valutazzjoni tar-riskju, li għandha tiġi informata bl-informazzjoni fornita mit-tim tal-kura tas-saħħa responsabbli għall-apparat ta' impjantazzjoni u/jew kura sussegwenti.

3.2.1. Attivitajiet ta' xogħol, Tagħmir u Postijiet tax-Xogħol li x'Aktarx ikunu Jeħtieġu Valutazzjoni Speċifika

Il-postijiet tax-xogħol li fihom jew jinsabu qrib ta' tagħmir li jaħdem b'kurrenti għoljin jew vultaġġi għoljin jaf ikollhom żoni ta' kampi elettromanjetiċi qawwijin. Dan x'aktarx ukoll ikun il-każ għal tagħmir maħsub sabiex jittrażmetti b'mod deliberat radjazzjoni elettromanjetika b'potenza qawwija. Dawn il-kampi qawwijin jistgħu jaqbbzu l-ALs jew l-ELVs inklużi fid-Direttiva EMF jew jistgħu joħolqu riskji mhux aċċettabbli permezz ta' effetti indiretti.

Kolonna 1 tat-Tabella 3.2 tidentifika sitwazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'kampjiet qawwijin li normalment jeħtieġu valutazzjoni EMF speċifika. Din it-tabella kienet ikkompilata fuq il-bażi li d-dejta eżistenti dwar il-kejl għal eżempji ta' dawn is-sitwazzjonijiet tindika li l-kampi jaf ikunu qawwijin biżżejjed biex javviċinaw u f'xi każijiet jaqbbzu l-ALs rilevanti. Għalhekk "Iva" fil-Kolonna 1 ma tfissirx li l-kamp aċċessibbli jkun definittivament jaqbeż ELV. Pjuttost, ifisser li mhuwiex possibbli li wieħed ikun kunfidenti li l-ELV ser jitħares dejjem, meta titqies il-medda ta' varjazzjonijiet li wieħed x'aktarx jiltaqa' magħhom fuq il-post tax-xogħol. Huwa għalhekk rakkomandat li ssir valutazzjoni li tkun speċifika għal kull post tax-xogħol.

Għandu jiġi enfazzzjat li t-Tabella 3.2 tagħti eżempji tas-sitwazzjonijiet li wieħed jiltaqa' magħhom b'mod komuni fuq il-post tax-xogħol. Ma tistax titqies bħala lista eżawrjenti u jista' jeżisti tagħmir speċjalizzat ieħor jew proċessi mhux tas-soltu li ma ġewx inklużi. Madankollu, il-lista għandha tgħin lill-impjegaturi jidentifikaw tipi ta' sitwazzjonijiet li x'aktarx ikunu jeħtieġu valutazzjoni ddettaljata oħra.

3.3. Attivitajiet ta' xogħol, Tagħmir u Postijiet tax-Xogħol Mhux Elenkati f'dan il-Kapitolu

Meta l-impjegaturi jidentifikaw sitwazzjonijiet fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom li ma jidhru li huma koperti minn entrati fit-Tabella 3.2, l-ewwel pass ikun li jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni minn manwali u dokumenti oħrajn li jkollhom disponibbli. Il-pass li jmiss ikun li tiġi investigata jekk l-informazzjoni hijiex disponibbli minn sorsi esterni bħal manifatturi tat-tagħmir u assoċjazzjonijiet tal-kummerċ.

Jekk ma jkunx possibbli li tinkiseb informazzjoni dwar l-EMF minn x'imkien ieħor, allura jaf ikun meħtieġ li titwettaq valutazzjoni permezz ta' kejl jew kalkolu.

Aktar informazzjoni dwar il-kakolu jew il-kejl tal-esponiment tista' tinstab fil-gwida komprensiva mhux vinkolanti għal prattika tajba għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/35/UE. Din il-gwida tinkludi wkoll informazzjoni ddettaljata dwar il-valutazzjoni tar-riskji, ALs u ELVs, miżuri protettivi u preventivi, sorveljanza tas-saħħa, informazzjoni dwar il-ħaddiema, u taħriġ.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet fpajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Id-Direttiva 2013/35/UE tistabilixxi rekwiżiti minimi ta' sikurezza li jirrigwardaw l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn kampi elettromanjetiċi (EMF). Madankollu, ftit impjegaturi ser ikollhom bżonn jikkalkolaw jew ikejlu l-livelli tal-EMF fil-post tax-xogħol tagħhom. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, in-natura tax-xogħol imwettaq tkun tali li r-riskji jkunu baxxi u dan jista' jiġi stabbilit b'mod pjuttost sempliċi. Din il-gwida hija maħsuba biex tgħinek tifhem kif ix-xogħol li twettaq jista' jiġi affettwat mid-Direttiva EMF.

Din il-gwida mhijiex legalment vinkolanti u ma tipprovdix interpretazzjoni tar-rekwiżiti legali speċifiċi li jista' jkolllok tikkonforma magħhom. Għalhekk għandha tingara flimkien mad-Direttiva EMF, id-Direttiva Qafas (89/391/KEE) u l-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

Din il-gwida hija maħsuba b'tali mod biex l-impjegaturi li huma diġà konformi jkunu jistgħu jistabilixxu r-riskji malajr.

Informazzjoni aktar iddettaljata, inkluż dwar il-valutazzjoni tal-esponiment u miżuri preventivi, tista' tinstab fil-Gwida komprensiva mhux vinkolanti għal Prattika tajba għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/35/UE.

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli fl-ilsna uffiċjali kollha tal-UE.

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona b'xejn fuq

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni issieħeb biex tirċievi l-*bulletin elettroniku Social Europe* fuq <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



<https://www.facebook.com/socialeurope>



https://twitter.com/EU_Social

